MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Numru 51/2004

## PULIZIJA
## SPETTUR MARIA STELLA ATTARD
## VS
## JONATHAN SPITERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta l-imputat Jonathan Spiteri, ta’ 20 sena, bin Martin u Anna nee’ Camilleri, imwieled Pieta’, data tat-twelid 30 ta’ Mejju 1983 u joqghod Bock B2, Flat 3, Triq Nerik Sant, Zebbug, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ 294683 (M).

1) Talli fil-lejl ta’ l-10 ta’ Jannar u 11 ta’ Jannar, 2004 ghall-habta ta’ 12.30 am f’hanut tax-xorb Haz Zebbug volontarjament ikkaguna ferita ta’ natura gravi permezz ta’ tazza tal-hgieg fuq il-persuna ta’ Daemer Bartolo liema ferita kkagunat sfregju fil-wicc hekk kif iccertifika t-tabib Patrick Farrugia M.D. mill-Isptar San Luqa;

2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel gesti oxxeni jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offenda l-morali u l-imgieba xierqa jew d-decenza pubblika;
3) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi qal kliem insulenti li jikkonsistu f'dagha;
4) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' kundanna tapplika l-provedimenti li hemm fl-Artikolu 338 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Matla.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Genrali, Dok. MS 2 a fol 6 u dak tal-imputat a fol 18 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu 2009; rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru 2009.

Ikkonsidrat:

Surgent 160 Mario Mifsud a fol 19 et sequitur ikkonferma illi Daemer Bartolo kien mar jaghmel rapport l-ghassa illi waqt illi kien qieghed fil-Golden Line bar kif hareg mit-toilet kien mar fuqu l-imputat, offrielu drink, l-imputat dahar fuqu u qallu: "*trid toffendini int?*" u faqalu tazza f'wiccu. Il-kwerelant Bartolo ipproduca certifikat minn Dr. Patrick Farrugia fuq griehi ta' natura gravi. L-okkorrenza giet esebita bhala Dok. PS a fol 21.

Spettur Maria Stella Cutajar ikkonfermat ikkonfermat ix-xhieda ta' PS 160 u xehed illi l-imputat kien insulta u

indirizza kliem oxxen fil-konfront ta’ Daemer Bartolo u li l-imputat kien tefaghlu tazza fid-direzzjoni ta’ wiccu, li kien laqtu u ghamillu griehi ta’ natura gravi konsistenti f’qasma fuq il-bridge tal-imnieher li kienet tirrikjedi erba’ (4) punti.

Spettur Cutajar xehedet illi hija kienet baghtet ghall-imputat li rrilaxxa stqarrija Dok. MS 1 li tinsab a fol 28 et sequitur.  F’din l-istqarrija l-imputat xehed illi kien qieghed jixrob fil-bar indikat u li kien qieghed ma certu Aaron u kienu qabdu konversazzjoni fuq il-muzika. Sussegwentement kien gie l-kwerelant Daemer Bartolo u beda jikritika l-muzika illi kien ihobb l-imputat u jwaqqa’ kollox li kien qed jghid ghac-cajt.  Il-kwerelant Daemer Bartolo kien mar fuq l-imputat, qabdu minn widnejh biex iwaqqghu ghac-cajt u beda joffendieh.  Hemm hekk l-imputat qabad it-tazza li biha kien qed jixrob il-vodka u waddabblu t-tazza f’wiccu.  Wara dan huwa ra lil xi hadd jigri warajh u telaq jigri ‘l barra.

L-imputat ikkonferma illi l-imputat kien offendieh xi erba’ (4) darbiet bil-familja tieghu, tant illi kienu sikktuh Aaron u Katya u li huwa kien xorob xi hames (5) Vodkas qabel ma iltaqa’ ma dan Daemer.  L-imputat xehed illi sa fejn jiftakar hu ma kienx offenda bil-kliem lil Daemer.

PS 747 Joseph Abela ikkonferma l-istqarrija Dok. MS 1, gharaf lill-imputat u l-firem fuq l-istess stqarrija.

A fol 32 Daemer Bartolo ghazel illi jixhed minkejja illi kien hemm proceduri kriminali ghaddejjin fil-konfront tieghu. Huwa xehed illi kien qieghed go bar flimkien mal-hbieb tieghu Katya, Aaron u Nikolai u l-imputat u kkonferma li kienu qeghdin jitkellmu fuq il-muzika u li l-imputat Spiteri kien ser jaqbad argument ma shabu u li huwa intervjena biex ma jiggildux fuq affarijiet ta’ xejn.  (ara xhieda a fol 33)  Il-kwerelant xehed a fol 36 illi meta kien hemm l-argument bejn l-imputat u shabu fuq il-muzika hu kien mar jghannaq lill-imputat u misslu widnejh.  A fol 37 jammetti illi gibidlu widnejh.  Il-kwerelant ikompli jghid illi hu kien ha xi ghaxra (10) whisky qabel dan l-incident u ma jafx Jonathan x’kien qed jixrob.  Ikkonferma illi l-imputat kien qabad it-tazza u faqqahhielu f’wiccu **u mhux tefaghlu t-**

**tazza.** In kontro ezami Daemer Bartolo ikkonferma illi shab l-imputat kienu qeghdin joffendu lill-imputat b'ommu u li l-imputat kien iddejjaq b'dan il-kliem.

Nikolai Attard a fol 41 et sequitur xehed illi huwa kien xoghol fil-bar dak inhar tal-incident u li kien hemm hafna storbju u l-muzika ghaddejja u ra lil Jonathan Spiteri jaghti daqqa ta' tazza lil Daemer Bartolo u mbaghad jahrab jigri minn fuq il-post. Nikolai Attard xehed illi huwa lanqas kien induna illi Jonathan kien qieghed jargumenta ma shabu qabel ma gara l-incident. Ikkonferma illi huwa kien serva ghalmenu zewg (2) rounds ta' drinks lil Daemer Bartolo u lill-imputat u li kien hemm haddiehor wara l-bar u li kien ghamlilhom xi drinks. Mitlub jghid b'liema manjiera wegga' Daemer Bartolo, Nikolai Attard jghid: "***he smashed it on his face***." (ara fol 43)

Dr. Patrick Farrugia ikkonferma c-certifikat mediku Dok. MC 4 li jinsab a fol 3 tal-Process u kkonferma li kien invista lil kwerelant Daemer Bartolo fl-emergenza tal-isptar. Ikkonferma illi ma kienx hemm ksur fl-ghadma tal-imnieher ta' Bartolo izda illi kien ikklassifika l-gerha bhala dik ta' natura gravi minhabba li kienet qasma fil-wicc, *at the bridge of the nose.* Din il-lacerazzjoni kienet tirrikjedi erba' (4) punti. Dr. Patrick Farrugia ikkonferma illi huwa ghamel dik il-klassifikazzjoni ghaliex l-iscar tista' tibqa permanenti.

Jonathan Spiteri xehed fis-seduta tal-hmistax (15) ta' April 2009. L-imputat Spiteri kkonferma illi huwa kien ilu jixrob f'dan il-bar minn xi l-ghaxra neqsin kwart (9.45) ta' fil-ghaxija "*u dan kien ha jaqbad jaghtini, dan fih statura kbira u jiena ma nista' naghmel xejn mieghu. Dan irrid niddefendi lili nnifsi. L-ewwel qabadni minn widnejja u mbaghad gie biex jaghtini, allura ...*" L-imputat xehed illi l-kwerelant kien offendieh erba' (4) darbiet u li kif ra lill-kwerelant gej ghalih waddabblu tazza u telaq jigri. L-imputat ikkonferma illi kien hemm diversi nies illi kienu hbieb ta' Daemer Bartolo. L-imputat ikkonferma illi l-kwerelant ma kellu xejn f'idejh hlief it-tazza illi fiha kellu d-drink u li dan seta' waddabielu.

Robert Cilia kkonferma li huwa kien prezenti ma l-imputat u Daemer Bartolo f'bar Haz Zebbug u xehed illi l-unika haga li ra mill-incident shih, kien lil Daemer Bartolo jigri wara Jonathan. Huwa xehed illi ma ra lil Jonathan jgara xejn lil Daemer Bartolo u ma semghax lanqas hgieg jinkiser. Mistoqsi jekk semghax xi argumenti jew xi glied, Robert Cilia xehed illi l-muzika kienet tghajjat u ghaldaqstant ma seta' jisma xejn. Ikkonferma illi meta Daemer Bartolo kien qed jigri wara Jonathan, dan kellu girfa.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta anke b'mod ampju illi l-imputat illi kien ha almenu hames (5) drinks alkoholici, cioe' Vodka u kien qieghed jargumenta ma shabu fuq il-muzika. Il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni juru illi l-argument fuq il-muzika fil-fatt ma kienx ma Daemer Bartolo izda kien ma shabu. Illi Daemer Bartolo biex ma jhallihomx ikomplu bl-argument, mar jghannaq lill-imputat u gibidlu widnejh u dana ghamlu bhala cajta. Illi fil-pront l-imputat qabad it-tazza tal-Vodka li kellu f'idu u kissirielu f'wiccu b'rizultat ta' lacerazzjoni fuq l-imnieher illi kienet tirrikjedi erba' (4) punti. (u mhux tmienja (8) kif jixhed Daemer Bartolo) Dawn il-griehi gew ikkonstatati minn Dr. Patrick Farrugia illi kkonferma Dok. MS 4 certifikat rilaxxat minn l-isptar San Luqa. Dr. Farrugia informa lil din il-Qorti illi kien hemm probabilita illi din kienet ser thalli *scar* permanenti fuq il-wicc ta' Daemer Bartolo.

Id-difiza issollevat l-eccezzjonijiet ta' legittima difeza ai termini ta' l-Atikolu 223 u l-eccess ta' legittima difeza ai terimini ta' l-Artikolu 227 (d) bil-proviso illi l-imputat agixxa kif agixxa minhabba *fear or fright.*

Fis-sentenza pronuncata minn l-Onorabbli Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fil-kawza Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 gie ritenut is-segwenti:

*Mhux kull min "jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi*

*titkellem car dwar "il-bzonn attwali ta' difiza legittima" ta dak illi jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti,* ***l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita jigi nieqes*** *meta wiehed minnflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat****, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."***

**Illi di piu' kif tajjeb jintqal minn Lord Justice Widgery fil-kawza Police vs. Julien (1967) 1WLR839:** ***it is not ... the law that a person threatened must take to his heels and run in the dramatic way suggested by Mr. McHale; but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want a fight. He must demonstrate that he is prepared to temporise and disengage and perhaps to make some physical withdrawal, and that that is necessary as a feature of the justification of self defence is true in our opinion, whether the charge is homicide charge or something less serious."*** (at page 843)

Illi fil-kaz in ezami certament il-provi ma jikkolaborawx b'ebda mod dak illi ssostni l-gurisprudenza meta imputat jissolleva l-legittima difeza. F'dan il-kaz l-aggressjoni fizika da parti tal-kwerelant kienet kompletament mankanti u certament ma kienetx la gravi u wisq anqas inevitabbli. Il-fatti kollha juru illi l-imuptat kien xorob izzejjed, illi kienu qeghdin jargumentaw fuq certu gosti fil-muzika u l-unika haga illi din il-Qorti sabet, kien, illi saru xi kliem offensiv fuq omm l-imputat. L-ebda wiehed mix-xhieda indipendenti kemm prodotti mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza, ma taw almenu xrara ta' evidenza illi l-kwerelant Daemer Bartolo ghamel xi mossi aggressivi, ghal kuntrarju.

**Din il-Qorti tgharaf illi l-uniku agir aggressiv f'dan l-incident gie generat biss mill-imputat**. Din il-Qorti lanqas ma tista' tilqa' l-iskuzanti indikat fl-Artikolu 227 (d) stante illi din il-Qorti ga stabbiliet illi ebda azzjoni tal-

imputat ma saret: "*were it is committed by any person who, acting under the circumstances mentioned in 223 shall have exceeded the limits imposed by law etc.*" Din il-Qorti diga stabbiliet illi l-imputat bl-ebda mod ma kien qieghed jagixxi ghad-difiza tieghu nnifsu jew ta' haddiehor.

Ghar-rigward tal-akkuza ta' ferita ta' natura gravi, tgharaf illi din l-akkuza giet provata lil hinn min dubbju dettat mir-raguni mix-xhieda ta' Dr. Patrick Farrugia (illi kkonferma c-certifikat mediku tal-kwerelant Daemer Bartolo) fejn jirrizulta ampjament illi kien hemm probabilita illi l-isfregju ser jibqa' permanenti. Di piu' l-Qorti kellha l-opportunita illi tara lil Daemer Bartolo u minkejja illi l-ferita halliet *scarring* fuq il-*brige of the nose*, il-Qorti setghet tara wkoll illi din il-lacerazzjoni kienet wahda zghira u dritta pero' certament vizibbli minn tlett (3) piedi boghod.

Ghar-rigward tat-tieni u tat-tielet akkuza din il-Qorti rat illi l-prosekuzzjoni ma pruvatx il-kaz taghha. Daemer Bartolo imkien ma xehed illi gie indirizzat bi kliem oxxen jew b'dagha fix-xhieda tieghu wisq anqas ix-xhieda indipendenti ohra illi taw it-testimonjanza taghhom f'dan is-sens.

Ghar-rigward tar-raba' akkuza din il-Qorti tgharaf illi din l-akkuza giet pjenament provata anke mill-istess ammissjoni tal-glied f'hanut tax-xorb li huwa post pubbliku da parti tal-imputat stess.

Illi ghal dawn il-mottivi l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza u tar-raba'akkuza, mhux hati tat-tieni u tat-tielet akkuza li minnhom tilliberah u wara li rat l-Artikolu 216 (1)(b) u 216 (2), Artikolu 338 dd, Artikolu 28A tal-Kap. 9, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett snin. Dina l-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi kienet kostretta illi tagixxi mal-imputat bhala *a first offender* fin-nuqqas ta' fedina penali pprezentata mill-prosekuzzjoni, minhabba l-fatt illi l-isfregju fil-wicc tal-kwerelant kien wiehed *de minimis*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------